PDF Compressor Pro



## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Jidhru mix-xellug għal-lemin: l-abbati Michael Mifsud mill-Parroċċa ta' l-Għarb; Dun Gerard Buhagiar, Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu, Dun Daniel Xerri, Rettur tas-Seminarju, Mons. Isqof Grech, Dun Salv Sultana mill-Parroċċa tax-Xagħra u Dun Eddie Vella mill-Parroċċa ta' l-Għarb u li għamel ħidma pastorali għal diversi snin hawn fl-Awstralja.*

# Iċ-Ċelebrazzjoni "Is-siegħa ta' l-Omm" MARIJA XANDARA TAT-TAMA

Nhar Sibt il-Għid, filgħodu, fis-Santwarju ta' Tà Pinu, Mons Isqof Mario Grech mexxa "Is-Siegħa ta' l-Omm" - ċelebrazzjoni Marjana.

L-insara akkumpanjaw bit-talb lil Marija, Omm il-Knisja, li f'dan il-jum għexet l-akbar prova tal-fidi u tar-rabta tagħha ma' Alla.

Din iċ-ċelebrazzjoni Marjana, Is-Siegħa ta' l-Omm, ġiet miktuba minn P. Ermano M. Toniolo osm. It-talb huwa aspirat mit-tradizzjoni tal-Liturġija Latina u dik Biżantina. Ilha ssir ġewwa Ruma mis-sena 1982. Fuq xewqa tal-Papa Ġwanni Pawlu II kienet ġiet iċċelebrata ġewwa l-Bażilika tal-Vatikan darbtejn, waqt li ta' kull sena, tiġi ċċelebrata fil-Bażilika Marjana ta' Santa Maria Maggiore ġewwa Ruma. Iċ-ċelebrazzjoni issir Sibt il-Għid filgħodu, biex hekk ma ttellifx mill-importanza kbira li għandha l-Velja ta' Għid il-Kbir.



*Marija Attard, Direttriċi tad-Dar Ġużeppa Debono, tidher tanima ċ-Ċelebrazzjoni Marjana.*

F'post prominenti tpoġġiet ix-Xbieha tad-Duluri b'musbieħ jixgħel biż-żejt, li jfakkar fl-istennija tax-xebbiet għaqlin li bl-imsiebaħ mixgħula stennew il-Għarus.

Marija Attard, Direttriċi tad-Dar Ġużeppa Debono, Dar għat-tfajliet ommijiet, animat iċ-ċelebrazzjoni. Ġuża Formosa qrat l-ewwel lezzjoni. Dun Daniel Xerri, Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, qara l-Vanġelu. Ħa sehem ukoll fil-qari Dun Eddie Vella.



*Ġuża Formosa taqra l-lezzjoni*

Lejn tmiem din iċ-ċelebrazzjoni numru ta' nisa dilku bil-fwejjaħ is-Sedja, l-Ambone, l-Artal u postijiet oħra Sagri, bi preparazzjoni għall-Velja tal-Għid. Bħalma n-nisa li kienu dixxipli ta' Ġesù marru ħdejn il-qabar bil-fwejjaħ, anke dawn in-nisa li jagħtu servizz regolari fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, komplew dan il-ġest biex imbagħad jilqgħu lill-għarus Ġesù li qam mill-Imwiet, Kristu Rxoxt fil-Velja Qaddisa ta' l-Għid.

Fl-omelija tiegħu ta' l-okkażjoni Mons. Isqof Mario Grech qal:

"Inġbarna f'dan is-Santwarju biex nissieħbu ma' Marija Addolorata wieqfa ma' Kristu msallab; nakkumpanjawha hija u tikkontempla lil Alla li sar bniedem u kien msallab għalina u issa jinsab fil-qabar.

**Il-proċess politiku**

"Kristu huwa fuq is-salib għax għadda minn proċess politiku. L-awtoritajiet politiċi ħassewhom skomdi bi Kristu. Wara li għajruh, żebilħuh u sawtuħ, ħelsu minnu billi tawħ għall-mewt. Nistħajjel li fil-jum tas-Sibt, il-għada li salbu lil Ġesù, l-awtoritajiet politiċi waqfu jirriflettu dwar il-konsegwenzi xejn sbieħ ta' kliemhom u għemilhom!

**Il-proċess reliġjuż**

"Il-bniedem imsallab u l-Vergni Marija wieqfa ħdejh, huwa dak li għadda minn proċess reliġjuz. Kristu kien miċħud u msallab ukoll mill-Kapijiet reliġjużi ta' żmienu, mit-Tempju ta' żmienu. Naħseb li huwa dmir tagħna llum li naraw jekk fil- "proċess reliġjuż" li sar matul l-40 jum tar-Randan imqaddes li suppost għexna b'intensità spiritwali, kienx proċess li ħalla "vittmi" warajh. Suppost li kien proċess ta' konverżjoni

**Marija: memorja u profezija**

"Imma għalkemm mal-mewt ta' Kristu waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu, il-Verġni Mbierka li llum qegħdin insieħbu f'dan il-Jum tas-silenzju, mhix il-mara tad-dlam u lanqas il-mara tal-mewt; imma hija l-mara li għalkemm qalbha midruba, għandha qalb tfawwar bit-tama.

**Sejħa biex niċċelebraw il-Kelma**

"Għalhekk smajna l-Kelma t'Alla, kantajna flimkien is-Salmi. Kemm nixtieq li din ma tkunx esperjenza iżolata għal lum biss! Din is-sena qegħdin infakkru l-125 sena minn meta seħħet dik il-ġrajja meta Carmela Grima semgħet lil Marija ssejħilha: "Ejja ... ejja ...f'din il-kappella". Marija għamlet sejħa lil Carmela biex tisma' l-Kelma u biex toqgħod fil-preżenza tal-Kelma fl-Ewkaristija. Carmela kellha stedina biex tiġi tiċċelebra l-Kelma fil-Knisja, jiġifieri fl-assemblea liturġika. L-istedina li waslet lil Carmela tasal lil kull wieħed u waħda minna. Hekk tkun din il-Kelma li f'mumenti tqal tal-ħajja, iżżommok wieqaf; tkun din il-Kelma li tgħinek tgħix il-misterju tat-tbatija u tal-mewt; tkun din l-istess Kelma li tgħinek tagħmel esperjenża tal-Qawmien."



*Nisa jistennew sabiex jitilgħu jidilku l-affarijiet sagri bil-fwejjaħ*



*Dehra ġenerali waqt il-Kunċerti tal-Chorus Urbanus max-Sheffield University Wind Orchestra.*

# Kunċerti tal-Chorus Urbanus ma' Sheffield University Wind Orchestra

Matul il-Ġimgħa Mqaddsa, il-*Chorus Urbanus* ħa sehem f'kunċerti ma' *Sheffield University Wind Orchestra* li kienet qed tagħmel żjara f'Malta. Din iż-żjara kienet organizzata mill-*Mediterrean Institute* ta' l-Università ta' Malta u saru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill tal-Kultura f'Għawdex, il-Patrijiet Agostinjani tal-Belt Victoria u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Parroċċa ta' Bormla f'Malta.

L-ewwel kunċert sar fil-Knisja ta' Sant' Wistin tal-Belt Victoria nhar it-Tnejn, 17 ta' Marzu. L-orkestra, taħt id-direzzjoni ta' Anthony Houghton daqqet *Fanfare for the Common Man* ta' Aaron Copland, *Overture for Harmonie Op. 24 ta'* Felix Mendelssohn, *Passacaglia* ta' Tim Jackson, *Hymn to the Fallen* ta' John Williams, *Time Remembered* ta' Philip Sparke u *The Forest of Arden* ta' George Lloyd. Il-*Chorus Urbanus*, taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea kanta *0 Salutaris Hostia* ta' John Galea, Vexilla Regis, Anon, Crux Fidelis ta' John Galea, Improperia ta' John Galea u akkumpanja lill-orkestra fil-*Hymn to the Fallen*. Mal-Chorus Urbanus hadu sehem Yvonne Galea, Sopran, u Noel Galea, Baxx. Compere tas-serata kien il-Kav. Joe M. Attard.

Nhar it-Tlieta, 18 ta' Marzu , il-*Chorus Urbanus* mar Malta biex ingħaqad ma' l-orkestra fil-Parroċċa ta' Bormla fejn ta serata oħra ma' S*hefield University Wind Orchestra*. Il-programm kien maqsum fi tnejn kif kien f'Għawdex. F'din l-okkażjoni l-orkestra daqqet *Fanfare for the Common Man* ta' Aaron Copland, *Bright Spirit* ta' Judith Bingham, *Hymn to the Fallen,* ta' John Williams, Toccata *Marziale* ta' Vaughan Williams, *Chorale Prelude* ta' Cesar Franck, *If With All Your Hearts and Lord of Abraham* minn Elijah ta' Felix Mendelssohn u *The Shadow of Golgotha ta'* Wouter Lenaerts.

*Chorus Urbanus* irrepeta l-kunċert li kien għamel f'Għawdex u akkumpanja lill-orkestra fil-*Hymn to the Fallen*. Il-kunċert sar quddiem knisja mimlija b'nies attenti għal dak li kienu qed jisimgħu. Fost il-mistednin kien hemm il-Kapitlu ta' Bormla, l-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, President Emeritus ta' Malta u bosta mistednin oħra. Kollha kellhom kliem ta' ħajr għall-kunċert, għall-orkestra kif ukoll għall-*Chorus Urbanus*. Fiż-żewġ okkażjonijiet kien kemm bdil ta' rigali bejn is-surmastrijiet fost l-applawsi ta' dawk li kienu preżenti.




**Sam Camilleri**
**AMP Financial Planner**

IF YOU ARE looking for professional advice on superannuation, investment or retirement planning, estate planning, business protection or any other aspect of your financial future, call me today for an obligation-free chat.

At AMP Financial planning we can provide the personal service you require from a name you can trust.

**Tel. No. (02) 9635 5855 or (02) 9659 0446**

Sam Camilleri AMP Financial Adviser
Proper Authority Holder of
AMP Financial Planning Pty Ltd
Agent for AMP Life Limited &
AMP General Insurance Limited
ABN 89051 208 327 Licensed Securities Dealer
AMP

PDF Compressor Pro



# Il-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira 1919 – 1965 – 1997

**Charles Spiteri jirrapporta minn Għawdex**

Biex insiru nafu aktar dwar l-istorja tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll dwar il-purċissjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa, fil-Parroċċa taż-Żebbuġ, Għawdex, kif żviluppat matul is-snin, jiġifieri fi tliet fażijiet, fuq medda ta' 78 sena, tkellimna mal-President tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, is-Sur George Cefai.

Is-Sur Cefai beda biex qalilna illi l-iskop li għalih kien sar sett ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira fir-raħal, mingħajr ebda dubju kien mhux biss biex ta' kull sena jitfakkru b'mod aktar intimu l-aħħar sigħat fil-ħajja ta' Ġesù Kristu imma wkoll biex tibda tiġi organizzata purċissjoni mat-toroq f'xi waħda mill-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Din l-idea oriġinat fl-1918 meta fiż-Żebbuġ seħħet bidla fit-tmexxija parrokkjali u daħal f'dan l-uffiċċju l-għaxar kappillan, Dun Anton Grima li għalkemm dam jokkupa dan il-post ftit inqas minn sentejn żgur li jibqa' mfakkar fost affarijiet oħra, għal żewġ tradizzjonijiet li introduċa u għadhom jitgawdew illum, jiġifieri it-tiġrija taż-żwiemel li ssir nhar il-festa ta' Santa Marija li snin ilu kienet tinvolvi bhejjem oħra u l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Il-kappillan Grima għamel l-ewwel purċissjoni fl-1919 u l-vari kienu nħadmu mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Dawn kienu tal-kartapesta u fiż-żminijiet meta kienet qed titkabbar il-knisja, kienu jiġu migbura f'maħżen fejn minħabba nuqqas ta' spazju, umdità u strapazz ieħor ġratilhom ħsara kbira. Minn dan is-sett, illum baqa' biss 4 statwi: Ġesù Kurċifiss tal-vara l-kbira li kien jiddendel u jinġabar f'diversi rkejjen tal-knisja, id-Duluri li għandha n-niċċa tagħha fil-kappella tas-Sagra Familja, l-Ecce Homo li jinsab merfugħ ġewwa niċċa fil-kappella ta' San Mikiel u Ġesù mejjet li għal ħafna snin kien imġeżwer fin-newl u merfugħ fuq il-kasterizzi tas-saċerdoti fis-sagristija tal-knisja sakemm tpoġġa b'mod permanenti fil-Monument li naraw illum.

Is-Sur Cefai kompla jgħidilna illi nhar it-8 ta' Diċembru 1964 iż-Żebbuġ kellu Arċipriet ġdid li kien ukoll it-tlettax-il kappillan. Dun Alwiġ Vella minnufih reġa' organizza din il-purċissjoni u b'hekk il-vari li kien fadal reġgħu nħarġu fit-toroq tar-raħal fl-1965 wara assenza pjuttost twila. Fis-sena ta' wara, l-Arċipriet Vella żied magħhom l-istatwi l-oħra li naraw illum, jiġifieri Ġesù Redentur, Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ u l-anġlu, il-Veronika, il-Madonna u San Ġwann tal-vara l-kbira u Ġesù mal-kolonna. Marija Madalena tal-vara l-kbira saret fl-1967 u l-Aħħar Ikla tal-Mulej fl-1968. L-istatwa ta' l-Aħħar Ikla jew kif inhi magħrufa aħjar iċ-Ċena hija kbira mhux ħażin għax fiha hemm l-appostli kollha mdawrin ma' mejda, filwaqt li Kristu jinsab bilwieqfa f'nofshom bil-kalċi ta' l-inbid f'idu. Ġuda t-traditur jingħaraf mill-bqija għax għandu l-borża tat-tletin biċċa tal-fidda f'idu. Minkejja l-kobor tagħha, din l-istatwa tiġi merfugħa minn 10 reffiegħa u hi l-unika statwa b'din it-tema ġewwa Għawdex. Dawn il-vari nħadmu ukoll minn Wistin Camilleri li reġa' lura għat-tradizzjoni qadima Maltija li l-istatwi jsiru mill-kartapesta u mbagħad jitlibbsu bil-ħwejjeġ tad-drapp li f'dan il-kas l-ilbies kien prinċipalment bellus aħmar u blu li kien jissimbolizza l-Era Rumana.


Aldo Cini fil-parti ta' Kristu

Il-bradelli tagħhom inħadmu mill-ġdid mill-mastrudaxxa Ġużeppi Mallia, xogħol fl-injam imsejjaħ parana.

Nhar id-29 t'Awissu 1996 iż-Żebbuġin taw merħba lil Dun Emmanuel Saliba bħala it-tielet Arċipriet u l-erbatax-il kappillan tal-parroċċa. Kmieni fis-sena 1997 l-Arċipriet Saliba mhux biss kompla sebbaħ il-bradelli b'imnara u imsiebaħ tal-fuħħar, iżda ħa l-inizjattiva u bidel il-ħwejjeġ tal-vari kollha f'ilbies tan-newl li jistilizza l-atmosfera Lhudija. Dan in-newl ġie mgħoddi lill-knisja minn diversi benefatturi Żebbuġin li r-raħal taż-Żebbuġ hu magħruf ħafna għalih.

Matul dawn is-snin kollha l-vari dejjem kienu l-qofol tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira taħt diversi mexxejja u sa mill-bidu tagħha kienet tgawdi devozzjoni qawwija fir-raħal. Kien hemm ukoll żminijiet diffiċli li fihom il-purċissjoni kemm-il darba ma ħarġitx kemm minħabba l-biża t'attakk mill-ajru matul il-Gwerra (1939-1945) u anke għaliex f'dan iż-żmien kienet qed issir ukoll l-aħħar fażi tat-tkabbir tal-knisja. F'xi snin partikolari l-purċissjoni kellha anke rotot differenti u toroq itwal minn dawk li nafu illum. Ġieli anke saret f'Ħadd il-Palm filgħaxija jekk mhux ukoll f'xi ġranet oħrajn.

Illum wara ħafna snin għadek tara persuni li bħala ringrazzjament għal xi wegħda maqlugħa, iġorru slaleb filwaqt li hemm oħrajn li jġorru ktajjen ħoxnin marbuta ma' saqajhom tul it-triq kollha. Fil-purċissjoni jieħdu sehem ukoll ħafna tfal li jerfgħu fanali, bandalori u simboli oħra tal-passjoni. Aspett interessanti hu li anke l-bniet jerfgħu fanali u simboli oħra speċjalment waqt li jakkumpanjaw xi statwa, bħalma hi dik tad-Duluri u l-Veronika.


L-Aħħar Ċena tal-Mulej. Mix-xellug...Nicholas Vella, Frankie Cefai, Kevin Sultana, Lewis Zammit, Teddie Cefai, Toni Grech, Joe Cini, Jimmy Agius, Joseph Saliba, Josef Cefai, Sammy Camilleri u Ferdinand Xuereb.


Mix-xellug... Ġanni Cini fil-parti tal-Profeta Isaija, Owen Cini, Ħaruf u Rokku Zahra fil-parti ta' Mosè.


Ir-Redentur jidher merfugħ minn...mix-xellug, Anthony u Jimmy Said, Twanny Caruna u Josef Cini.


Waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Mix-xellug jidhru l-Arċipriet Emeritu Emmanuel Saliba, Arċipriet Reuben Micallef u Kan Kant Carmelo Cini.


In-nisa twajba ta' Ġerusalem



Jean Paul Saliba jerfa' l-Bandalora KOLLOX MITMUM


Il-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ...mix-xellug, Is-Sur Wiġi Dimech Arkivist, Is-Sur Omar Zerafa Assistent Surmast.u s-Sur George Cefai President tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija.

D.O.M. INTERNATIONAL
Din hija kumpanija Maltija li ilha mwaqqfa 37 sena
Tony Pace
Managing Director

Tony Pace
Sejjer Malta u trid iġġorr?
Ċempel għal kwota llum
Tel: (02) 9607 4170
Fax: (02) 9607 8534
Negozju tal-familja
Mob: 040 305 6007
Nistgħu nippakkjawlek kollox aħna u tiffranka uġiegħ ta' ras
Head Office: Unit 1/42-44 Whyalla Place, Prestons, NSW 2170